



TESTI ADOTTATI

P8_TA(2016)0183

Kwittanza 2014: L-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)

1. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2016 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2014 (2015/2195(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2014,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2014, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija¹,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni² dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2014 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2014 (05584/2016 – C8-0093/2016),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom)

¹ ĠU C 409, 9.12.2015, p. 275.

² ĠU C 409, 9.12.2015, p. 275.

Nru 1605/2002¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja², u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej³,
 - wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0124/2016),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2014;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

¹ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

² ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1.

³ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁴ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

2. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2016 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2014 (2015/2195(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2014,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2014, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija¹,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni² dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2014 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2014 (05584/2016 – C8-0093/2016),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002³, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁵,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u

¹ ĠU C 409, 9.12.2015, p. 275.

² ĠU C 409, 9.12.2015, p. 275.

³ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁴ ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1.

⁵ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

tal-Kunsill¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0124/2016),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
 2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2014;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

¹ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

3. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2016 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2014 (2015/2195(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2014,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0124/2016),
- A. billi, skont ir-rapporti finanzjarji tagħha, il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2014 kien ta' EUR 59 380 000, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 3,2 % meta mqabbel mas-sena 2013; billi l-baġit kollu tal-Aġenzija ġej mill-baġit tal-Unjoni,
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri, fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2014 ("ir-rapport tal-Qorti"), tistqarr li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari,

Osservazzjonijiet

1. Jinnota li r-rapport tal-Qorti jenfasizza l-kwistjonijiet relatati mal-valutazzjoni tas-sistemi SIS II, VIS u EURODAC fil-kontijiet tal-Aġenzija; jinnota li s-sistemi ġew trasferiti mill-Kummissjoni lill-Aġenzija f'Mejju 2013 permezz ta' tranżazzjoni mingħajr skambju; jieħu nota li fin-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli u kompleta fir-rigward tal-ispiża totali tal-iżvilupp ta' dawk is-sistemi, il-valuri tas-sistemi ġew irreġistrati fil-kontijiet tal-Aġenzija bil-valuri netti kontabilistiċi tagħhom kif inhuma fil-kotba tal-Kummissjoni u ġew aġġornati fi tmiem is-sena; jirrikonoxxi l-kumment tal-Aġenzija li sakemm il-valur kontabilistiku tal-assi trasferiti mill-Kummissjoni lill-Aġenzija kien stabbilit skont ir-regoli ta' kontabbiltà interni tal-Kummissjoni, ma kien hemm l-ebda azzjoni li l-Aġenzija kellha jew setgħet twettaq f'dan ir-rigward; jirrikonoxxi wkoll li l-valur tal-assi trasferiti huwa mistenni li jsir immaterjali matul is-sena 2015 minħabba applikazzjoni annwali ta' deprezzament tal-valur tal-assi u li bħala tali, għal kwittanzi futuri, dan il-kumment mhux se jibqa' rilevanti;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

2. Jinnota li skont ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011, il-Kummissjoni kienet responsabbli għall-istabbiliment u l-operat inizjali tal-Aġenzija sakemm din ingħatat l-awtonomija finanzjarja fit-22 ta' Mejju 2013; jinnota wkoll li l-2014 kienet it-tieni sena li fiha l-Qorti wettqet awditu dwar ir-rapporti finanzjarji tal-Aġenzija;

3. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ tal-baġit matul is-sena finanzjarja 2014 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,32 % u li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet għolja u tammonta għal 99,14 %;

Impenji u riporti

4. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li minn EUR 6 600 000 f'appropriazzjonijiet impenjati riportati għall-2014 għat-Titolu I (nefqa tal-persunal) u għat-Titolu II (nefqa amministrattiva), ġew ikkanċellati EUR 1 700 000 (26 %), li juri li l-ħtiġijiet baġitarji ġew sopravvalutati fl-aħħar tal-2013; jirrikonoxxi, madankollu, l-osservazzjoni tal-Aġenzija li minn meta saret finanzjarjament indipendenti fl-2013, numru ta' impenji għall-infiq amministrattiv ġew trasferiti mill-Kummissjoni għall-Aġenzija; jirrikonoxxi barra minn hekk li, fiż-żmien li l-Aġenzija ħadet id-deċiżjoni rigward dawn ir-riporti, din kienet għadha ma laħqitx il-kumpliment sħiħ tal-persunal u għalhekk kellha kapaċità ta' ġestjoni tal-baġit limitata f'ċerti oqsma; jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija sussegwentement tejbet il-kapaċità tagħha biex tissorvelja u timplimenta r-riporti u jistenna li jonqsu l-volum u l-perċentwal ta' kanċellazzjonijiet fl-2015;
5. Jieħu nota mir-rapport tal-Qorti li l-ammont ta' appropriazzjonijiet impenjati li ġew riportati għall-2015 kien għoli għat-Titolu II (nefqa amministrattiva), u jammonta għal EUR 15 000 000 (87 %); jirrikonoxxi li dawn ir-riporti rriżultaw prinċipalment minn dewmien fl-akkwisti għall-estensjoni u t-tiġdid tas-sit tal-Aġenzija fi Strasburgu; jinnota, barra minn hekk, li l-ammont ta' riporti għat-Titolu III (nefqa operattiva) kien għoli u jammonta għal EUR 24 500 000 (85 %) u fil-parti l-kbira kienu relatati ma' kuntratti pluriennali għall-manutenzjoni tas-sistemi tal-IT tal-Aġenzija; jirrikonoxxi l-osservazzjoni tal-Aġenzija li ħadet passi biex ittejjeb il-kapaċità tagħha għall-ippjanar, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni ta' appropriazzjonijiet disponibbli, biex tiġi żgurata koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-funzjonijiet operattivi u amministrattivi tagħha u biex tkompli tfassal u ttejjeb l-effikaċja tal-kontrolli interni; jistieden lill-Aġenzija sabiex tnaqqas il-livell għoli ta' riporti għaliex mhijiex konformi mal-prinċipju tal-annwalità;
6. Ifakkar li skont ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011, il-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen u l-miżuri relatati mal-EURODAC għandhom l-obbligu li jikkontribwixxu għall-baġit tal-Aġenzija; jinnota, barra minn hekk, li, għalkemm pajjiżi assoċjati ma' Schengen kienu qed jużaw is-sistemi mmaniġġjati mill-Aġenzija, in-negozjati tal-Kummissjoni kienu għadhom għaddejjin; jirrikonoxxi l-osservazzjoni tal-Aġenzija li l-Iżlanda u l-Liechtenstein aċċettaw ir-Regolament u li n-negozjati mal-Iżvizzera u n-Norveġja għadhom għaddejjin, li jfisser li l-iffirmar tal-Ftehim ma jkunx possibbli qabel l-aċċettazzjoni mill-pajjiżi assoċjati kollha;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u t-trasparenza

7. Jinnota l-osservazzjoni tal-Aġenzija li r-regolament fundatur tagħha jitlob li l-membri kollha tal-Bord ta' Tmexxija u tal-gruppi konsultattivi joħorġu dikjarazzjoni pubblika annwali tal-interessi bil-miktub; jirrikonoxxi li l-Aġenzija ssegwi b'mod strett dan ir-rekwiżit u żżomm id-dikjarazzjonijiet annwali kollha debitament iffirmati fis-segretarjat tal-Bord ta' Tmexxija; jinnota, barra minn hekk, li m'hemm l-ebda espert nazzjonali fuq il-Bord ta' Tmexxija u l-gruppi konsultattivi tal-Aġenzija;

8. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tissensibilizza aktar lill-membri tal-persunal tagħha dwar il-politika li tittratta l-kunflitti ta' interess, flimkien ma' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni li għaddejjin u l-inklużjoni tal-integrità u t-trasparenza bħala punti li jridu jiġu diskussi b'mod obbligatorju matul il-proċeduri ta' reklutaġġ u l-valutazzjonijiet tal-prestazzjoni;
9. Jiddikjara li r-rapporti annwali tal-Aġenzija jista' jkollhom rwol importanti fl-ottemperanza fir-rigward tat-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-integrità; jistieden lill-Aġenzija tinkludi kapitolu standard dwar dawn il-komponenti fir-rapport annwali tagħha;
10. Jieħu nota tal-fatt li s-CVs tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija u tal-President tal-Bord ta' Tmexxija tagħha ġew ippubblikati u qed jinżammu aġġornati fuq is-sit web tal-Aġenzija; jinnota l-osservazzjoni tal-Aġenzija li d-dikjarazzjonijiet individwali ta' impenn għall-membri tal-Bord ta' Tmexxija tagħha u l-gruppi konsultattivi huma miżmuma mis-segretarjat tal-Bord ta' Tmexxija, peress li m'hemm ebda rekwiżit ġuridiku speċifiku fir-regolament fundatur tal-Aġenzija li jitlob il-pubblikazzjoni ta' dawn id-dikjarazzjonijiet;
11. Jitlob li l-Aġenzija timplimenta l-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal billi kull sena tippubblika l-informazzjoni dwar l-uffiċjali għolja li jkunu telqu mis-servizz, u lista ta' kunflitti ta' interess;

Kontrolli interni

12. Jinnota li s-16-il standard ta' kontroll intern (ICS) tal-Aġenzija, strutturati madwar sitt oqsma ewlenin, ġew adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha f'Ġunju 2014;
13. Jirrikonoxxi l-osservazzjoni tal-Aġenzija li hi kkonkludiet b'suċċess proċedura ta' akkwist biex tikseb kopertura tal-assigurazzjoni meħtieġa għal assi tanġibbli fissi tagħha għall-uffiċċji tas-sede tagħha f'Tallinn;
14. Jitlob li l-Aġenzija tapplika strettament il-miżuri li jirrigwardaw id-diskrezzjoni u l-esklużjoni fl-akkwist pubbliku, b'verifiki ta' sfond xierqa mwettqa f'kull każ, u li tapplika l-kriterji tal-esklużjoni ħalli l-kumpaniji ma jitħallewx joperaw f'każ ta' kunflitti ta' interess, billi dan huwa essenzjali għall-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

Kummenti oħra

15. Jinnota b'sodisfazzjon li n-negozjati bejn l-Aġenzija u Franza kienu konklużi b'suċċess u li l-Ftehim dwar is-sede tal-Aġenzija ġie ffirmat għas-sit operattiv fi Strasburgu; jirrikonoxxi li, fi tmiem l-2015, il-Ftehim kien għadu qed jistenna r-ratifika min-naħa tal-Assemblea Nazzjonali Franċiża;
16. Jitlob li jsir titjib globali fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni u fil-ġlieda kontra permezz ta' approċċ olistiku, li jibda b'aċċess pubbliku mtejjeb għad-dokumenti u b'regoli aktar stretti dwar il-kunflitti ta' interess, l-introduzzjoni jew it-tisħiħ ta' reġistri ta' trasparenza u l-għoti ta' riżorsi suffiċjenti għall-miżuri tal-infurzar tal-liġi, u anke permezz ta' titjib fil-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi kkonċernati;
17. Jinnota b'sodisfazzjon li n-negozjati bejn l-Aġenzija u l-Estonja kienu konklużi b'suċċess u l-Ftehim dwar is-sede ġie ffirmat fi tmiem l-2014; jirrikonoxxi li l-Ftehim ġie ratifikat mill-Parlament Estonjan fi Frar 2015 u daħal fis-seħħ f'Marzu 2015;

18. Jitlob lill-Aġenzija ttejjeb il-proċeduri u l-prattiki tagħha mmirati għas-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tikkontribwixxi attivament għal proċess ta' kwittanza orjentat lejn ir-riżultati;

o

o o

19. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2016¹ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

¹ Testi adottati, P8_TA(2016)0159.